# BORD DWAR IL-KONTROLL
# TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Lulju 2002**

**Rikors numru 28/98B**

**Numru 40**

**Guzeppi Agius, Jimmy Pace, Marthese Muscat, Josephine Pace, Salvina Mifsud, Rosario Schembri u Carmela Zammit**

**vs**

**Guzeppi Busuttil**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru bi qbiela lill-intimat tomnejn raba mill-artijiet denominati tan-Nordagg limiti ta' Hal-Ghaxaq versu l-hlas ta' qbiela ta' tlett liri maltin (Lm3) li jithallsu bil-quddiem kull Santa Marija;

L-intimat halla mhux mahdum dan ir-raba ghal aktar minn tnax il-xahar konsekuttivi bi ksur tal-artikolu 4(2) (d) tal-Att XVI tal-1969;

Aktar minn hekk l-esponenti ghandhom bzonn dawn l-ghelieqi ghall-htigijiet u bzonnijiet ta' whud minnhom u cioe' l-esponent Guzeppi Agius u Jimmy Pace u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 4(2) (a) tal-Att XVI tal-1969;

Aktar minn hekk, kif ser jirrizulta mill-provi, l-intimat ma hax hsieb u ma zammx fi stat tajjeb dan ir-raba u hitan tas-sejjieh kif jesigi l-aritkolu 4 (2) (f) tal-Att XVI tal-1969 u kiser bosta kundizzjonijiet tal-kirja.

L-esponenti talbu lil dan l-Onorabbli Bord jordna lill-intimat jizgombra mill-imsemmi raba tan-Nordagg limiti ta' Hal-Ghaxaq fi zmien qasir u perentorju u jekk ikun il-kaz jiffissa wkoll kumpens li talvolta jispetta lill-istess intimat skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimat (fol 3 tal-atti) u li biha espona bir-rispett illi qabel xejn ir-rikorrenti iridu jipprovaw it-titolu taghhom ghaliex l-esponent jikri minghand Anni Agius, Rosaria Schembri u Carmela Zammit u l-eredi ta' certu Pace;

Illi f'kull kaz ikun iktar ta' hardship ghall-esponent kieku l-Bord jilqa t-talba tar-rikorrenti milli kieku kellu jichadha ghall-istess rikorrenti, stante li dawn oltre li ghandhom raba izjed minnu (hu ghandhu biss ir-raba de quo), ghandhom ukoll mezzi hafna iktar minnu.

Ra l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2002 (fol 40) minn fejn jirrizulta li dan il-kaz gie transatt mill-partijiet involuti u dan kif jidher mill-<u>iskrittura privata</u> a fol 42 u li l-istess partijiet xtaqu li tinghata sentenza a bazi tal-istess transazzjoni.

<u>Ikkonsidra</u>

Illi, fl-imsemmija skrittura li biha dan il-kaz, gie transatt, jinghad is-segwenti:

1) l-inkwilin (l-intimat odjern) ghandu jaghti lura l-pusess tal-ghalqa in kwistjoni sal-ahhar ta' Dicembru 2002;

2) Bhala kumpens tal-benefikati, s-sid qed jaghtih, prezenzjalment, lill-inkwilin is-somma ta' Lm500, a saldu u qed jhalli d-debita ricevuta;

3) L-inkwilin jobbliga ruhu li jdawwar il-permessi relattivi ghall-istess raba fuq is-sid/sidien sal-ahhar tas-sena 2002;

4) L-ispejjes ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa;

5) Il-partijiet jaqblu li din l-iskrittura tigi presentata il-Qorti (quddiem il-Bord) biex fuqha tinghata decisjoni.

Ghaldaqstant il-Bord jiddeciedi dan il-kaz billi:

1) jordna lill-inkwilin ossija intimat sabiex jaghti lura lir-rikorrenti l-pussess tar-raba in kwistjoni aventi kejl superficjali ta' tomnejn u denominata 'Tan-Nordagg' fil-limiti ta' Hal Ghaxaq u dan sal-31 ta' Dicembru 2002;

2) jordna lill-istess intimat sabiex jizgombra mill-istess raba sal-31 ta' Dicembru, 2002;

3) jillikwida l-ammont ta' kumpens dovut skond il-ligi, fis-somma ta' Lm500, liema ammont di gia thallas mir-rikorrenti lill-intimat;

4) jordna lill-intimat sabiex jdawwar fuq isem ir-rikorrenti, il-permessi kollha relattivi ghall-istess raba, sal-31 ta' Dicembru 2002;

5) L-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur